# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta’ Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**
**vs**
**Susanna Garcia Tejera**

**Drogi Nru: 40/2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Susanna Garcia Tejera, ta’ 33 sena, bint Victor Jose Garcia u Purificacion Tejera Viceira, imwielda Granada Spanja nhar is-27 ta’ Awwissu 1986 u residenti Apt 300, Dragunara Apartments, Triq id-Dragunara, San Giljan u detentrici tal-Karta tal-Identita’ Maltija bin-numru 0201569A u permess ta’ residenza Malti numru MT6883845.

Akkuzata talli nhar l-24 ta’ Mejju 2020 u x-xhur ta’ qabel gewwa dawn il-Gzejjer kellha fil-pussess taghha l-pjanta cannabis, kollha jew

bicca minnha, bi ksur tal-Artiklu 8(d), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentment pruvata.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammont u x-xorta tad-droga misjuba, l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali netta taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena**.

In oltre qed tordna **d-distruzzjoni tal-oggetti esebieti bhala Dok JX7 u Dok JX8,** dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-

distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u dwar il-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**